**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 67/2016 AL

Ab

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet kienu izzewwgu fit-28 ta' Settembru 1991;

2. Illi l-partijiet kienu isseparaw legalment permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom datat 22 ta' Gunju, 2006, fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono, kopja hawn annessa;

3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien iktar minn 10 snin;

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess ;

5. Illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

6. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fit-28 ta' Settembru 1991 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A (1) Kapitolu 16.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien hekk prefiss mill-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jikkonferma:

1. Illi huwa m'ghandux oggezzjoni illi din il-Qorti tiddikjara xjolt z-zwieg bejn il-kontendenti;
2. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi l-intimat m'ghandux jbati spejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt datat 22 ta'

Gunju 2006 u illi  l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn ghaxar snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.